

# Impenn u Responsabiltà

**Philip Schembri**
*Għalliem*



Huwa ferm pożittiv li l-baned tagħna qed jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet lil hinn mill-festa u jesegwixxu programmi mużikli matul is-sena. Din hija opportunità sabiex il-mużiċisti jitħarrġu aktar u fl-istess ħin il-poplu jkun jista' japprezza iktar il-mużika li tindaqq. Naturalment dawn l-impenji jinvolvu żieda fl-ispejjeż għal kull soċjetà u joħolqu sfida akbar fejn tidħol il-formazzjoni tal-Banda.

Qegħdin f'sitwazzjoni fejn l-ebda surmast jew delegat tal-banda ma jirnexxilu jlaqqa' banda kollha għall-aħħar ftit provi. Hawnhekk nirrimarka li huwa ftit pożittiv li fl-irħula għad hawn numru ta' baned fejn isir kunċert darba fil-ġimgħa bil-bandisti tal-post matul is-sena kollha biex imbagħad meta joqrob il-programm jingħaqdu magħhom il-bandisti barranin. Hawn ġieli jinqalgħu xi problemi minħabba li xi bandisti minn dawn tal-aħħar ma jkunux responsabbli fl-attendenza għal dawn il-provi, bir-riżultat li mbagħad tinħoloq ħafna tensjoni żejda waqt l-eżekuzzjoni tal-programm innifsu.

Kull bandist tal-affari tiegħu għandu jifhem li l-provi jservu biex wieħed jifli sew il-kontenut kollu tal-mużika li tkun ser tindaqq, filwaqt li jkunu ta' ftehim fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-istess mużika. Huwa ta' dispjaċir nirrimarka li f'ċertu każini tal-banda l-livell tant tbaxxa li meta wieħed jattendi għall-kunċert dan iktar ikun qisu qiegħed jattendi għal lezzjoni. Mela huwa importanti li l-kunċert isir għall-ftehim u mhux biex wieħed jistudja. Eżekuzzjoni tajba ta' programm mużikali tiddependi mill-ftehim reċiproku bejn is-surmast u l-mużiċisti u għallhekk huwa dover ta' kull mużiċist li jaċċetta kull servizz b'impenn u responsabiltà biex b'hekk is-sagrifiċċju ta' kulħadd jissarraf f'suċċess u sodisfazzjon.

Nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

MG ELLIEĦA GARAGE

RENT-A-CAR

SELF DRIVE CARS AND CAB SERVICE
SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS
151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net